MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 5/1993/3

**Syed Tahir Sha**

**vs**

**Kaptan Javed Mukhtar fil-kwalita' tieghu ta' kaptan, ghan-nom u in rappresentanza tal-vapur M.V. Neptunian u ghan-nom u in rappresentanza tal-armaturi tieghu**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ta' Joseph Bowman ghan-nom u in rappresentanza ta' W.J. Parnis England Limited ippresentat fit-3 ta' Gunju, 1993, li in forza tieghu eccepixxa:

1. Illi permezz ta' cedoli ta' depozitu numru 110/92, 115/92 u 112/92 gie depozitata s-somma ta' tlett mija u sebgha u tletin elf sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (LM337,632.56c0) prezz tal-bastiment M.V. Neptunian rikavat mill-bejgh tal-istess bastiment, sabiex l-istess somma tinghata liberament lil min tispetta skond il-ligi;

2. Illi l-esponenti noe huwa kreditur tal-bastiment "Neptunian" fis-somma ta' sitta u erbghin elf mija u sitta u ghoxrin elf lira u ghaxar centezmi (LM46,126.10c0) drittijiet ta' agenzija, spejjez u nfiq iehor fuq il-bastiment M.V. Neptunian meta kien Malta;

3. Illi permezz ta' rikors prezentat fl-istess atti ta' din is-subasta u cedoli sussegwenti fit-12 ta' April 1993 l-esponenti nomine talab illi jizbanka s-somma depozitata sabiex jithallas il-kreditu tieghu izda minhabba li qeghdin jikkonkorru ghall-istess somma diversi kredituri ohrajn, u dawn irregistraw l-oppozizzjoni taghhom, ghall-izbank mitlub, it-talba tal-esponenti ma setghetx tigi milqugh u ghalhekk ghandhom isiru l-proceduri tal-konkors il-kredituri;

4. Ghaldaqstant l-esponenti nomine jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri fuq l-istess depozitu fuq imsemmi u l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-artikolu 416 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bl-abbrevjazzjoni tat-termini stante n-natura kummercjali tal-kreditu u dan skond l-istess artikolu 416 (3) tal-Kapitolu 12;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-10 ta' Awissu, 1993, li bih din il-Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri fuq is-somma komplessiva ta' LM343,803, li tirrappresenta r-rikavata mill-bejgh tal-imsemmi vapur, l-M.V. Neptunian;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc ta' l-14 ta' Ottubru, 1993, li bih cahdet talba tar-rikorrent biex terga' tordna l-pubblikazzjoni tal-avvizi u dan peress li ma

rravvizat ebda zbalji fil-pubblikazzjoni tal-avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-25 ta' Ottubru 1993, li in forza tieghu tat il-fakolta li fi zmien xahar minn dik id-data ssir il-pubblikazzjoni ulterjuri fil-Gazzetta tal-Gvern u zewg gazzetti lokali, bla hsara ta' konkorrenti li diga' kienu pprezentaw il-libelli taghhom; ghall-fini tal-prezentata tal-libelli, il-Qorti tat estensjoni tat-termini legali ta' hmistax-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni;

Rat il-libelli li gew ipprezentati minn W.J. Parnis England Ltd, l-agent tal-bastiment Neptunian, mill-Kaptan tal-vapur Javed Mukhtar, mill-membri tal-ekwipagg tal-bastiment, mill-Korporazzjoni Malta Drydocks, mill-General Workers Union, minn Salvo Grima & Sons Ltd, minn Mid-Med Shipping Ltd u mill-kuraturi l-Avukat Dottor Marco Griscti u l-Prokuratur Legali Joseph Martinelli.

Rat id-digriet tal-14 ta' Dicembru, 1993, fejn inhatar bhala Perit Legali l-Avukat Dottor Robert Tufigno;

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru, 1998, li in forza tieghu l-imsemmi perit legali gie sostitwit bl-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg bl-istess inkarigu tal-perit legali precedenti li gie ordnat jirritorna l-inkartamenti fir-Registru tal-Qorti;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-imsemmija perit legali u l-inkartament taghhom;

Rat ir-Rapport ipprezentat mill-perit legali Dottor Joseph M. Buttigieg fit-18 ta' Settembru, 2001, u minnu mahluf fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2002;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet li gew ipprezentati minn uhud mil-libellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-vapur M.V. Neptunian dahal fil-Malta Drydocks ghat-tiswijiet fis-26 ta’ Novembru, 1991, u x-xoghol fuqu kien tlesta fl-20 ta’ Jannar, 1992. Fil-frattemp, il-kumpanija li kienet il-proprietarja tal-vapur falliet, u waqt li l-vapur kien fid-*dock*, inbdew proceduri kontra l-bastiment mill-membri tal-ekwipagg u minn kredituri ohra minhabba li ma kienux thallsu dak li kien dovut lilhom. Il-Malta Drydocks stess fethet zewg kawzi fejn giet kanonizzata kreditur tal-bastiment. Il-Malta Drydocks, ghalhekk, zammet il-bastiment sakemm dan gie biex inbiegh bis-subasta fuq ordni tal-Qorti. Meta l-vapur inbiegh, is-sidien il-godda bidlu l-isem tal-vapur ghal King John, u dan sehh fis-16 ta’ Ottubru, 1992. Il-vapur telaq minn Malta fis-17 ta’ Novembru, 1992, u dana peress li s-sidien il-godda talbu li jsir xoghol addizzjonali fuq il-vapur li sar mill-istess Malta Drydocks.

Wara l-bejgh tal-vapur, giet depositata s-somma komplessiva ta’ LM343,803, u dan permezz ta’ cedoli ta’ Depositu numri 110/92, 115/92 u 122/92 u permezz ta’ cedola ohra tas-6 ta’ Ottubru, 1992. Peress li l-ammont ta’ krediti jeccedi s-somma depositata, infethu dawn il-proceduri ta’ konkors biex jigi deciz kif jiggradwaw bejniethom id-diversi kredituri.

Il-perit legali nominat mill-Qorti ezamina l-pretensjonijiet kollha mressqa mill-kredituri li ikkonkorru u ressaq il-pjan tieghu ghall-qsim tal-flus depositati. Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u r-rapport tal-abbli perit legali, u tara li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

Ghar-rigward tal-pretensjoni tas-socjeta’ W.J. Parnis England, l-agent lokali tal-bastiment, din ghandha kreditu favur taghha ta’ LM50,385.25, piu’ imghaxijiet legali, li giet kannonizzata b’sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-20 ta’ April, 1994, fil-kawza b’citazzjoni numru 1095/93/JDC. Din il-kawza, kif wiehed kien jistenna, ikkonfermat l-ammont bhala li huwa dovut, izda ma

kkonfermatx illi dawk il-krediti huma koperti bi privileggi marittimi; fil-fatt, lanqas giet mitluba taghmel hekk.

Din is-socjeta' tallega li l-parti l-kbira tal-ammonti individwali mahruga minnha bhala agent huma privileggjati taht l-artikolu 50(g) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234). Din il-Qorti taqbel li l-privileggi ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, u m'ghandhomx, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "*Concorso sul Ricavato del Vapore Raetaria*", deciza fl-20 ta' Novembru, 1922. (Vol. XXV.1.923), "*ricevere un'estenzione anormale ed eccessiva".*

Il-privilegg imsemmi fl-Art.50 (g) jkopri:

*"L-ispejjez mahgmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u ta' l-apparat tieghu maghduda spejjez ta' provisti u provizjonijiet ghall-ekwipagg tieghu maghmula wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port".*

Il-perit legali ghamel analizi tal-krediti pretizi minn din is-socjeta', u filwaqt li accetta li certi krediti huma koperti bi privilegg, issottometta li uhud mill-krediti l-ohra ma jaqghux li jkunu koperti bil-privilegg li taghti l-ligi. Fir-rapport tieghu l-perit legali eskluda mill-privilegg l-ispejjez inkorsi ghal- *hire of telecell*, *costs of photocopies* u *telecommunication expenses*, spejjez ta' *one shipping clerk*, u spejjez inkorsi ghat-trasport, *telephones, faxes,* ecc., izda l-Qorti thos, bir-rispett lejn l-abbli perit legali, li ghandha teskludi wkoll l-ispejjez tal-*air-tickets* u dawk ta' *Hotel Accomodation.* L-ispejjez inkorsi ghall-vjagg tal-ajru qed jigu eskluzi peress li l-membri tal-ekwipagg li bbenefikaw minn dan il-vjagg kienu telqu minn fuq abbord il-vapur qabel ma dan dahal fil-port. Fil-fatt, l-ismijiet ta' dan l-ekwipagg ma jidhrux fl-*account of wages sheets* tal-vapur li tibda tindika l-hlasijiet dovuti mill-1 ta' Novembru, 1991. Il-perit legali, fil-fatt, jirrimarka li dawn il-membri partikolari ma deherux fuq is-*sheets* peress illi waqfu mis-servizzi taghhom qabel din id-data. Jekk waqfu mis-servizz taghhom qabel l-1 ta' Novembru, 1991, u l-vapur dahal fil-port ta' Malta fis-26 ta' Novembru, 1991, l-ispejjez relattivi biex dawn il-membri tal-ekwipagg jigu ripatrijati ma

gewx inkorsi "wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port", u kwindi m'humiex koperti b'dan il-privilegg (ara "Konkors tal-kredituri tal-M.V. Dea" deciz minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 1998). Ghar-rigward tal-*hotel accomodation,* ma giex muri x'kien l-iskop li l-bahrin tqieghdu f'lukanda meta l-vapur huwa addestrat ghal-*lodging* tal-ekwipagg. Il-perit legali osserva li "jekk in-natura tat-tiswijiet li kienu qeghdin isiru, obbligat lill-membri tal-ekwipagg li jfittxu *accomodation* alternattiva, dawn ma setghux hlief jaghmlu dan a spejjez tal-*employer* taghhom." Dan hu accettabbli, pero', il-proposta giet kwalifikata bil-kelma "jekk", u, fil-fatt, ma jirrizultax mill-provi li dak kien l-iskop ghala l-ekwipagg gie allogat f'lukanda. Kwindi, ma giex muri li dak il-hlas kien mehtieg "ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment", u lanqas li kien necessarju li l-ekwipagg jigi hekk alloggat, u, kwindi, din il-Qorti ma tistax taccetta dan il-kreditu bhala privileggat.

Ghall-bqija, il-Qorti tikkondividi l-veduta espressa mill-perit legali li, fic-cirkustanzi partikolari tal-ispiza relattiva, il-krediti tas-socjeta' W.J. Parnis England Ltd ghal (i) *courier service,* (ii) *supplies and provisions,* (iii) *Authority fees,* (iv) *clearance charges*, (v) *overtime charges*, (vi) *cost of charts,* (vii) *Wilson Walton International,* (viii) *Safety Radiotelegraphy Survey*, (ix) *inspection certificates,* (x) *development and printing of films,* (xi) *supply of bunkers,* (xii) *hire of conveyance,* (xiii) *escort duties,* (xiv) *lubricants*, u (xv) *laundry and dry cleaning,* igawdu minn privilegg skond l-artikolu 50 (b) (e) (g) tal-kap 234. Barra minn dawn il-krediti, din is-socjeta' ghandha tiehu diversi ammonti ohra ghall-krediti ohrajn li huma pjuttost cari u jistghu jigi awtomatikament iggradwati meta ssir il-gradwazzjoni nnifisha. F'dan l-istadju, jista' jinghad li l-ispejjez li din is-socjeta' tista', ghalhekk, tqies bhala privileggjati taht l-artikolu 50 (e) tal-Kap.234 jammontaw ghal Lm22 (*Escort Duties*) u taht l-artikolu 50 (b) (g) tal-Kap 234 jammontaw ghal-Lm467 (*courier service)*, Lm90 (*supplies and provisions*), Lm34.71 (*Authority fees*), Lm61.50 (*clearance charges)*, Lm307.80 (*overtime charges),* Lm402.55 (*cost of charts),* Lm2784.51 (*Wilson Walton Int.),* Lm150 (*Safety Radiotelegraphy Survey)*, Lm200 (*inspection certificates),* Lm15 (*development and*

*printing of films)*, Lm86.11 (*supply of bunkers),* Lm540 (*hire of conveyance),* Lm4532.17 (*lubricants)* u Lm91.63 (*laundry and dry cleaning).*

Il-kontijiet relattivi gew kollha esebiti u ezaminati mill-perit legali, u wara li din il-Qorti fliet l-istess dokumenti, hija taqbel mal-ammonti kif accettati mill-perit legali. Il-krediti ta' din id-ditta li ma jgawdu minn ebda privilegg huma Lm9,130 (*agency fess*), Lm797.12 (*hire of telecell)*, Lm2040.70 (*photocopies* u *telecommunications expenses*), Lm35 (spejjez ta' *one shipping clerk*), Lm125 (spejjez ghat-trasport, *telephones, faxes,* ecc), Lm3949 (spejjez ta' *air tickets*) u Lm488.67 (*hotel accommodation)*. Dawn il-krediti gew ukoll korroborati b'xhieda u dokumenti li jinsabu fil-process.

Il-<u>Korporazzjoni Malta Drydocks</u> ghandha kreditu ta' Lm286,612.08, liema somma giet kanonizzata b'zewg sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, decizi wahda fl-4 ta' Settembru 1992, (citazzjoni numru 693/92/AM), u l-ohra fis-7 ta' Settembru, 1992 (citazzjoni numru 1159/92/JDC); huma gew kanonizzati kredituri wkoll fis-somma ta' Lm3190.80 spejjez gudizzjarji, barra mill-interessi legali sad-data tal-pagament. Din il-Korporazzjoni ittenni li ghal dan il-kreditu huma jgawdu plegg possessorju li jaqa' taht l-artikolu 54 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili. Dan l-artikolu jipprovdi, fl-ewwel sub.paragrafu, li:

"*Kull min isewwi, jibni l-bastimenti jew kull kreditur iehor li taht il-harsien u awtorita' tieghu jkun tqieghed bastiment ghall-ezekuzzjoni ta' xogholijiet jew ghanijiet ohra ghandu jkollu plegg possessorju fuq il-bastiment."*

Dan l-artikolu jirrikjedi li l-vapur ikun "taht il-harsien u awtorita' tal-kredituri", u f'dan il-kaz jirrizulta li l-vapur in kwistjoni kien taht il-kontroll tal-Malta Drydocks, u dan sa minn meta idahhal fid-*dock* sakemm tlesta x-xoghol fuqu fl-20 ta' Jannar, 1992. Dwar dan il-plegg, tqajment kwistjoni dwar jekk il-kreditu garantit bi plegg possessarju ghandux jitqies bhala "wiehed", *en bloc,* jew jekk ghandux

kull kreditu individwali kopert minn tali plegg jigi ggradwat ghalih skond id-data li fiha origina. Il-perit legali esprima l-veduta illi l-krediti kollha li huma koperti mill-plegg possessarju ghandhom jittiehdu *en bloc*. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq din il-materja, tinklina li taqbel ma' din l-opinjoni. Il-plegg in kwistjoni inghata lil min jiehu taht il-pussess tieghu bastiment u jibda jahdem fuqu. Hekk kif il-vapur jidahhal fid-*dock*, il-kuntrattur jista', mill-ewwel, jibda x-xoghol fuqu billi jaghmel it-tiswijiet mehtiega u dan ghax jaf li, minn dak il-mument 'l quddiem, kull spiza li jaghmel se tkun koperta bi plegg. Jekk ma jkunx hekk, ebda kuntrattur ma jibda xoghol fuq bastiment qabel ma jinnegozja garanzija ghall-hlas. Il-kuntrattur li jkun qed jahdem fuq vapur, ma ghandu ebda kontroll fuq meta u kif jinkitbu jew jinholqu privileggi godda waqt li jkun ghaddej ix-xoghol, u jista' jsib li, fiz-zmien ta' bejn li nbeda x-xoghol u tlesta (u dan, hafna drabi, ikun zmien relattivament twil), il-garanzija li kellu f'idejh, il-vapur giet mghobbija b'tant djun li, sakemm jasal biex ilesti t-tiswija, ghalih il-bastiment ikun bla valur. Kuntrattur li ghandu funzjoni hekk importanti, m'ghandux ikun f'posizzjoni fejn ikun qed jahdem biex jirranga l-oggett biex igawdi minnu haddiehor! Huwa hu li ghandu jkollu l-ewwel opportunita' ta' hlas mill-vapur li jiehu taht idejh biex isewwi. Jekk ma jkunx hekk, xoghol ta' tiswija fuq vapuri jiehdu tul ta' zmien biex jigu kkuntrattati, u dan bi hsara ghall-proprjetarju stess jew l-armaturi ta' l-istess bastiment.

Fil-ktieb "Chorley & Giles Shipping Law", fit-tmien edizzjoni tieghu mahrug mill-awturi Gaskell, Debattista, Swatton, jinghad, f'pagna 79 li:

*"The common law possessory lien of a shiprepairer must stand back in favour of maritime liens that had attached before the ship came into his yard, for he must be taken to have admitted the vessel with all encumbrances when he consented to repair her. However, the possessory lien will rank before any later claims, including maritime liens*."

Dan ifisser li kull privilegg jew plegg li jinholoq wara li l-bastiment jiddahhal fid-*dock*, jsegwu dejjem il-plegg possessorju li l-kuntrattur igawdi ghat-tiswija tal-vapur. L-ammont ta' kreditu, ovvjament, jinholoq meta t-tiswija tkun lesta kollha, pero', darba li dan isehh, l-ammonti kollha inkorsi ghat-tiswija tal-vapur jitqiesu bhala kreditu wiehed munit bi plegg possessorju li nholoq malli l-bastiment jidhol ghat-tiswija.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, u ghar-ragunijiet indikati mill-perit legali, il-Qorti thoss li l-kreditur li jgawdi minn dan il-plegg, il-Korporazzjoni Malta Drydocks, tista' zzomm il-vapur f'idejha sakemm jithallsu l-ammont kollha dovuti lilha, li huma koperti mill-istess plegg possessarju.

Issa, l-bastiment in kwistjoni m'ghadux f'idejn din il-Korporazzjoni ghax thalla jissalpa barra minn Malta. L-artikolu 54 (4) tal-Kap. 234 jiddisponi, pero', li "*plegg possessarju ma jispiccax jekk il-bastiment jigi rilaxxat wara ordni tal-Qorti jew wara bejgh gudizzjarju tal-bastiment. Fil-kaz ta' l-ahhar, il-kreditur igawdi l-preferenza specifikata fl-artikolu 54A ta' dan l-att fuq id-dhul mill-bejgh tal-bastiment*." Dan hu dak li sehh f'dan il-kaz, u kwindi l-Korporazzjoni Malta Drydocks ghadha tgawdi mill-plegg possessorju ossija preferenza fuq il-krediti taghha mehuda *quid unum*, u dan sakemm il-krediti kollha koperti minnu jigu mhallsa.

Minn dan isegwi, allura, li issa jrid jigi mistharreg kemm mill-kreditu totali pretiz mill-Malta Drydocks huwa kopert bil-plegg possessarju. L-artikolu 54 jipprovdi dan il-plegg mhux biss lil kull min "isewwi" jew "jibni" bastiment imma lil kull kreditur li jkollu taht idejh il-vapur "ghal ghanijiet ohra", u jawtorizzah izomm pussess tal-vapur sakemm jithallas dak li hu dovut lilu "ghal dik il-bini, tiswija, jew attivita'". Dan ifisser illi l-plegg possessarju ghandu japplika anke jekk il-ghan li ghalih il-bastiment tqieghed fil-pussess tal-kreditur ma kienx ghal bini jew tiswija, izda "attivita'" ohra. Dan ma jfissirx, pero', li kull kreditu li jinholoq waqt li l-bastiment ikun f'idejn tali kreditur, huwa kopert mill-plegg possessorju: biex il-kreditu jkun hekk kopert l-azzjoni li holqitu trid tkun marbuta mal-ghan li ghalih il-bastiment

tqieghed f'idejn il-kreditur li qed igawdi il-plegg possessorju. Il-kelma "attivita'", f'tali artikolu, m'ghandhiex tinqara bhala l-azzjonijiet individwali varji svolti mill-kreditur fuq il-bastiment, izda l-attivita' in generali li kienet l-ghan li ghalih il-bastiment originarjament gie f'idejn il-kreditur. Ghalhekk, il-plegg possessorju jkopri biss dawk il-krediti li ghandhom x'jaqsmu mal-attivita' li kienet l-ghan li ghalih il-bastiment tqieghed fil-pussess ta' dak li konsegwentement sar kreditur tal-bastiment. Jekk dan il-ghan kien it-tiswija tal-bastiment, ma jistax jinghad li kull debitu iehor, mhux konness mat-tiswija, u li fil-fatt inholoq wara li t-tiswija tlestiet, huwa kopert mill-plegg possessorju. Dan hu principju konfermat ukoll mill-awturi inglizi, tant li fil-ktieb imsemmi "Chorley & Giles Shipping Law", jinghad (ibid p.79) illi *"the ship repairer's possessory lien only extends to the cost of repairs; if he claims damages for occupation of his dock after repairs are completed, no lien attaches."* Din il-Qorti, ghalhekk, taqbel ma' dak li ssottometta l-perit legali meta qal illi:

*"issa fil-kaz odjern, huwa pacifiku illi l-ghan li ghalih il-bastiment Neptunian dahal fil-pussess tal-Malta Drydocks kien ghal xogholijiet ta' tiswija, u affarijiet ancillari, u ghall-ebda attivita' ohra. L-iskop ma kienx li l-bastiment jibqa' `ggaraxxjat' hemm biex il-Malta Drydocks ikunu jistghu jezercitaw il-plegg possessorju. Ghalhekk, il-krediti favur il-Malta Drydocks li nholqu wara li tlestew ir-repairs fuq il-bastiment ma jistghux jitqiesu bhala koperti mill-plegg possessorju. Jista' jkun li dawn jitqiesu bhala privileggjati taht xi artiklu iehor tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, pero' f'dak il-kaz huma ghandhom jigu ggradwati pari passu ma l-krediti l-ohra li jaqghu taht tali artiklu jkun liema jkun."*

Mill-provi u d-dokumenti esebiti, jirrizulta li x-xogholijiet ta' tiswija fuq in-Neptunian tlestew fl-20 ta' Jannar,1992, u huma dawk l-ispejjez li, allura, saru qabel din id-data li ghandhom jitqiesu koperti mill-plegg possessorju; mill-*invoices* u d-dokumenti esebiti jirrizulta li dawn l-ispejjez jammontaw ghal US$750,358. Min naha l-ohra, l-ispejjez li m'humiex koperti b'dan il-plegg possessorju jikkonsistu fi spejjez varji, kif gej.

(1) *Harbour tugs*, *share riggers, jetty crane service* – Dawn l-ispejjez inholqu waqt li l-bastiment kien qieghed jinzamm fil-pussess tal-Malta Drydocks biex din tkun tista’ tibqa’ dgawdi l-plegg possessorju; kienet ghalhekk, il-konvenjenza tal-Malta Drydocks stess li tat lok ghall-krejazzjoni ta’ dawn il-krediti, u la darba ma kienux “neccessarji” ghall-preservazzjoni tal-bastiment ma jistghux jitqiesu privileggjati taht l-artikolu 50 (d) tal-kap 234; kwindi ser jitqiesu bhala semplici krediti kirografarji.

(2) *Fire precaution/refrigeration; services rendered by yard electronics personell; adjustments to main transmitter* – dawn ghandhom jitqiesu bhala privileggjati taht l-artikolu 50 (g) tal-Kap.234 peress li ghandhom jitqiesu bhala spejjez ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment.

(3) *Fresh water, garbage disposal, electric power consumption, fire main line supply* – Dawn is-servizzi ghandhom ukoll jitqiesu privileggjati taht l- artikolu 50 (g) tal-Kap 234, u dan peress li gew inkorsi biex l-ekwipagg seta’ jibqa’ jghix fuq il-bastiment waqt li dan kien qieghed fil-Malta Drydocks.

(4) *Telephone* – Ma gewx spjegati c-cirkustanzi li fihom inholqu dawn l-ispejjez, u, ghalhekk, se jitqiesu bhala krediti semplici.

(5) *Berthing charges* – Kif ga inghad, dan il-kreditu inholoq purament biex il-Malta Drydocks jkunu jistghu jzommu pussess fuq il-bastiment; inoltre, peress li dawn ma jidhirx li jistghu jitqiesu privileggjati taht xi wahda mill-privileggi marittimi elenkati fl-artikolu 50 tal-Kap 234, mhux ser jitqiesu bhala privileggjati fil-gradwazzjoni.

Ghar-rigward tal-krediti tal-ekwipagg tal-bastiment Neptunian, il-kredituri pprezentaw il-libelli taghhom fil-11 ta’ Ottubru, 1993, permezz tal-mandatarju specjali taghhom, Charles Briffa.

L-ammont allegati li huma dovuti lid-diversi membri tal-ekwipagg huma s-segwenti:

| Isem | Ammont (LM) |
|---|---|
| Javed Ali Usmani | 4,233.14,5 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 4,315.05,4 |
| Behzat Esinduy | 10,752.38,4 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 10,854.29,3 |
| Altaf Ahmed Siddaqi | 5,996.14,9 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 6,078.05,8 |
| Miandad | 1,782.37,7 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,864.28,6 |
| Mushtaq | 2,150.47,6 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 2,232.38,5 |
| Mohammed Shamin Arif | 5,172.76,9 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 5,254.67,9 |
| Arsala Khan | 1,501.45,9 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,583.36,8 |
| Niranjan Jadav | 7,003.58,0 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 7,085.48,9 |
| Ghulam Bahadur | 2,034.23,4 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 2,116.14,3 |
| Mohammed Waseem | 435.90,7 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 517.81,6 |
| Irtiza A.K.R. Sherwani | 11,013.92,9 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 11,095.83,8 |
| Mahmood Ahmed Khan | 4,330.01,4 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 4,411.92,3 |
| Syed Tahir Sha | 6,638.91,5 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 6,765.82,5 |
| Mohammed Basheer | 4,543.12,4 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 4,625.03,3 |
| Abdul Azim | 2,334.52,6 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 2,416.43,5 |
| Shantilal | 1,724.25,6 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,866.16,5 |
| Vadakka Narayanan | 4,049.09,6 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 4,131.00,5 |
| Hazrat Bilal | 1,801.75,0 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,883.65,9 |
| Khalid Hussain | 2,005.17,4 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = |

| | |
|---|---|
| | 2,087.08,3 |
| Abdul Qajum | 1,763.00,3 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,844.91,2 |
| Taskem Ahmed | 1,375.53,0 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,457.43,9 |
| Siraj Ahmed | 1,695.19,5 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,777.10,4 |
| Hussain | 1,937.36,6 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 2,019.27,5 |
| Badshah Gul | 1,695.19,5 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,777.10,4 |
| Boota | 1,801.75,0 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 1,883.65,9 |
| Salim Ali | 4,407.50,8 + 81.91 Spejjez Gudizzjarji = 4,489.41,7 |

Dawn l-ammonti jikkonsistu f’salarji li kienu ghadhom ma thallsux lill-ekwipagg meta sar il-bejgh bis-subbasta tal-bastiment. Dawn il-krediti huma kkanonizzati minn tlett decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, u cioe’ is-segwenti:

Citaz. Nru. 782/92 li nqatghet fil-21 ta’ Lulju 1992
Citaz. Nru. 1157/92 JDC li nqatghet fis-7 ta’ Settembru 1992
Citaz. Nru. 1227/92 JDC li nqatghet fis-16 ta’ Settembru 1992.

Kopji ta’ dawn is-sentenzi gew annessi mal-libelli relattivi. F’dawn is-sentenzi mhux talli gew kkanonizzati l-imsemmija ammonti kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali, izda wkoll gew dikjarati privileggat taht l-Art. 50 (h) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Wiehed ghandu jinnota illi fis-sentenza Citaz. Nru. 782/92 gie allegat (kif ukoll deciz) li l-ammonti in kwistjoni huma privilegjati taht l-art. 50 (d). Madankollu dan jitkellem fuq salarji mhux tal-membri tal-ekwipagg izda ta’ bdoti. Il-Qorti ghalhekk tifhem li x’aktarx din hija biss svista da parti tar-

rikorrent in kwistjoni u l-ammont ghandhom jitqiesu pprivileggati taht l-art. 50 (h)

Gew ukoll pprezentati bhala prova (i) numru ta' *Account of Wages Sheets,* li jkopru l-perjodi li ghalihom il-membri tal-ekwipagg kienu ghadhom ma thallsux; (ii) nota (bla data) fejn il-libellant Charles Briffa indika li huwa qieghed jibbaza l-gradwazzjoni tieghu fuq id-disposizzjonijiet tal-art.50(h) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, fl-ammonti indikati f'tali *Account of Wages Sheets.*

Skond il-mandatarju tal-ekwipagg, dan il-kreditu tal-ekwipagg inholoq qabel kull kreditu ta' kredituri li jistghu jgawdu xi plegg possessorju fuq il-bastiment ghall-finijiet u effetti kollha ta' dak stipulat fl-artikolu 54A(3) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Il-privilegg taht l-artikolu 50 (h) jolqot is-salarji tal-ekwipagg ghal perjodu ta' tliet xhur qabel l-ahhar vjagg ghal tul l-ahhar vjagg u ghall-perjodu ta' wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port. Mill-provi li ressaq Charles Briffa ma giex definit l-ahhar vjagg tal-bastiment. Din, pero', trid tigi definita, ghax biex dan il-privilegg jigi ggradwat qabel il-kreditu li jgawdi mill-plegg possessorju, irid jirrizulta li kien dovut lill-ekwipagg ghall-perjodu li jibda minn tlett xhur qabel l-ahhar vjagg sas-26 ta' Novembru, 1991, meta l-vapur dahal fid-*dock.*

Issa r-rappresentant tal-ekwipagg gab provi tal-ammonti dovuti lill-ekwipagg permezz ta' serje ta' *Account of Wages Sheets* ufficjali li jkopru l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 1991 u s-26 ta' Settembru 1992. Jista' wiehed ghalhekk jassumi illi huma s-salarji ghal dan il-perjodu li ghadhom iridu jithallsu lill-ekwipagg. Skond l-*Account of Wages Sheet* ghall-perjodu bejn l-1 u t-30 ta' Novembru, 1991, li huwa dak li jikkoncernana hawnhekk peress illi huma dawn id-dovuti li jigu ggradwati qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju, id-dovuti ghal dan il-perjodu huma s-segwenti (l-ammont miktuba bil-**bold** huma dawk

li jiggradwaw qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju):

| ISEM | Ammont dovut ghal perjodu bejn 1/11/91 u 30/11/91 (inkluzi il-*leave wages* u l-*uniform allowance* u mnaqqsa d-*deductions*) US$ | Bqija wara t-tnaqqis tal-ammont dovut ghal perjodu bejn 26/11/91 u 30/11/91 (kkalkolat bhala propozjon tax-xahar shih) US$ |
|---|---|---|
| Capt. Javed Mukhtar | 2245.60 | **1871.33** |
| Syed M.Tahir Shah | 1862.82 | **1552.35** |
| Mohd.Shamim Arif | 1316.00 | **1096.67** |
| Mohd.Javed Ali Usmani | 1028.00 | **856.67** |
| Niranjan Jadav | 1854.00 | **1545.00** |
| Tasleem Ahmed | 293.07 | **244.23** |
| Irtiza A.K.R. Sherwani | 2594.00 | **2161.67** |
| Altaf Ahmed Sidiqi | 1412.00 | **1176.67** |
| Mahmood A. Khan | 1112.73 | **927.28** |
| Muhammad Basheer | 1183.07 | **985.89** |
| Abdul Azim | 457.43 | **381.19** |
| Hussain | 270.03 | **225.03** |
| Ghulam Bahadur | 387.48 | **322.90** |
| Khalid Hussain | 437.88 | **364.90** |
| Badshah Gul | 299.44 | **249.53** |
| Siraj Ahmed | 309.47 | **257.89** |
| Mushtaq | 319.14 | **265.95** |
| Hazrat Bilal | 318.88 | **265.73** |
| Abdul Qajum | 316.38 | **263.65** |
| Miandad | 322.08 | **268.40** |
| Vadakka K. Narayanan | 1132.00 | **943.33** |
| Mohammad Aslam | 332.83 | **227.36** |
| Nadeem Ahmed | 355.07 | **295.89** |
| Boota | 368.66 | **307.22** |

Giet prezentata ukoll *Account of Wages Sheet* ohra li tirreferi ghas-salarju tal-Capt.Behzat Esinduy ghall-perjodu bejn l-20 u t-30 ta' Novembru tal-1991. Din hija wkoll ta' rilevanza. Skond tali *Account of Wages Sheet:*

| ISEM | Ammont dovut ghal perjodu bejn 20/11/91 u 30/11/91 (inkluzi il-*leave wages* u l-*uniform allowance)* US$ | Bqija wara t-tnaqqis tal-ammont dovut ghal perjodu bejn 26/11/91 u 30/11/91 (ikkalkolat bhala propozjon tal-ammont shih) US$ |
|---|---|---|
| Capt. Behzat Esinduy | 1181.77 | **644.60** |

Inoltre, irid wiehed jinnota li whud mill-ekwipagg kien ghad fadlilhom bilanc dovut lilhom minn salarji precedenti. Tali bilanci huma wkoll imnizzlin fl-ewwel *Account of Wages Sheet* li ssemmiet aktar 'l fuq. Huwa mportanti li jigu ezaminati wkoll dawn il-bilanci peress illi l-ammont privileggjat ikopri, barra l-ahhar il-vjagg, ukoll it-tlett xhur ta' qablu, u d-dovuti ghal dawn il-perjodi wkoll jigu ggradwati qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju. L-imsemmija bilanci huma s-segwenti:

| ISEM | Bilanc dovut minn salarji precedenti (inkluzi il-*leave wages* u l-*uniform allowancel* u mnaqqsin id-*deductions)* US$ |
|---|---|
| Mohd. Shamim Arif | **1916.35** |
| Mohd. Javed Ali Usmani | **1680.49** |
| Niranjan Jadav | **2765.19** |
| Irtiza A.K.R. Sherwani | **4715.83** |
| Altaf Ahmed Sidiqi | **2797.68** |
| Vadakka K.Narayanan | **978.45** |

M’huwiex, madankollu possibbli li jigi stabbilit bl-ezattezza jekk dan il-bilanc m’huwiex dovut biss ghal tul l-ahhar vjagg u ghat-tlett xhur precedenti. Ma ngiebet ebda prova li wriet il-perjodu ezatt li ghalih huwa dovut dan il-bilanc. Pero’, jekk wiehed iqis is-salarji mensili ta’ dawn il-membri tal-ekwipagg, jista’ wiehed jikkonkludi li hemm probabilita’ kbira li tali bilanc, jew ta’ l-inqas sehem kbir minnu, hu kopert mill-privilegg marittimu msemmi fil-par.50(h), iktar u iktar jekk wiehed japplika bhala interpretazzjoni ta’ l-ahhar vjagg dik li nghatat f’ Concorso Decimus (Kollez. Vol. VI.481) fejn il-Qorti qalet li:

*“Ai marinari formanti l’equipaggio della nave compete il diritto di essere pagati con privilegio dell’ammontare dei loro salari dal giorno della partenza fino al loro ritorno, e non dal giorno in cui la nave avesse fatto vela dal porto in ultimo luogo toccato nel corso del viaggio a quello cui la nave appartiene e donde mosse in principio.*

*E sebbene sia regola, che quando si tratti di assicurazioni, o di perdita di privilegio su di una nave, che si fosse venduta ed avesse fatto un viaggio a rischio del compratore, il viaggio intendesi ultimato quando la nave partita da un luogo, fosse giunta in un luogo diverso, tranne alcune eccezioni - tale regola pero’ non e’ applicabile quando sia questione di salari dovuti all’equipaggio per l’ultimo viaggio, allorquando la nave fosse approdata in piu’ luoghi, compresi d’altronde nel ruolo di armamento; non potendo le persone di tale equipaggio efficacemente agire prima che si avveri il compimento del viaggio ai termini del ruolo d’armamento, per un credito non ancora divenuto liquido, ed al quale il loro privilegio e’ subordinato.”*

Ghalhekk, izjed u izjed jista’ jitqies li dawn il-krediti gew ikkrejati matul l-ahhar vjagg, u ghalhekk dawn l-ammonti wkoll, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom jithallsu qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju.

Il-kreditu tal-Kaptan Javed Mukhtar, gie wkoll imressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1993, permezz tal-mandatarju specjali tieghu, Charles Briffa.

L-ammont komplessiv dovut lilu hu ta' Lm11,139.64,8 u dana jikkomprendi l-ispejjez gudizzjarji, l-imghaxijiet u wkoll Lm500 bhala spejjez ghar-rimpatriju. Dan l-ammont gie stabbilit fis-sentenza li ggib in-numru: Citaz Nru 988/92 AM.

Dan il-kreditu tal-libellant Mukhtar huwa kkanonizzat minn zewg sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat-2 ta' Settembru 1992 (Citaz Nru 988/92 AM) u tat-22 ta' Frar 1993 (Citaz Nru 1156/92 JF), esibiti bhala prova tad-dovut fil-proceduri odjerni.

In oltre dawn iz-zewg sentenzi iddikjaraw l-ammonti dovuti bhala privileggjati taht l-art.50(d) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Kif gia gie rrivelat iktar 'l fuq, pero' dan is-subartiklu jitkellem dwar *`is-salarji, l-ispejjez ghal assistenza, irkupru, jew salvatagg, u ghal drittijiet ta' bdoti.* Fil-fehma tal-Qorti pero' applikabbli fir-rigward huwa s-subartiklu (h). Dan johloq privilegg fejn jidhlu *`is-salarji tal-kaptan u ta' l-ekwipagg impjegat, ghal perjodu ta' tliet xhur qabel l-ahhar vjagg, ghal tul l-ahhar vjagg u ghall-perjodu ta' wara li jidhol l-ahhar fil-port.'* Ir-riferenza ghas-subartiklu (d), mela, ghandha titqies bhala svista da parti tal-libellant, u ghandha tittiehed bhala riferenza ghas-subartiklu (h), kif *tra l'altro* jidher min-nota ta' Charles Briffa msemmija iktar 'l fuq fejn dan jallega li l-ammonti dovuti ghandhom jitqiesu bhala privileggjati taht l-Art 50 (h) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Prova ulterjuri ta' dan il-kreditu tohrog mill-*Account of Wages Sheets* imsemmija iktar 'l fuq.

Dan il-privilegg gawdut mill-Kaptan ghandu wkoll jigi ezaminat biex wiehed jara kemm minn dak l-ammont ghandu jiggradwa qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju. Din il-Qorti, fil-fatt, gia ghamlet dan l-esercizzju meta ikkunsidrat is-salarji tal-ekwipagg, u l-kaz tal-Kaptan gie fil-fatt kunsidrat flimkien maghhom.

Il-kreditu mressaq mill-General Workers Union tressaq minn Angelo Fenech f'isem il-Union b'libell tal-11 ta' Ottubru, 1993.

L-ammont dovut huwa ta' LM1,302.74 ghall-provvisti t'emergenza maghmula lill-ekwipagg tal-vapur, kif ukoll LM159.59,4 dovuti bhala spejjez gudizzjarji.

Dan id-dovut huwa kkanonizzat minn zewg sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc tas-7 ta' Settembru 1992 (Citaz Nru. 1160/92 JDC) li kkanonizzat dovut ta' LM668.39, u tas-16 ta' Settembru 1992 (Citaz. Nru 1226/92 JDC) li kkanonizzat dovut ta' Lm634.35 kif ukoll Lm159.59,4 ghal spejjez gudizzjarji.

Minn dawn is-sentenzi jigi rrilevat li l-kreditu ta' LM1,302.74 dovut ghall-provvisti t'emergenza jirrizulta minn *provision requisition* u relattivi fatturi ta' konsenja. Dawn huma deskritti bhala annessi mac-citazzjonijiet imsemmija, pero' ma gewx prodotti bhala provi fil-proceduri odjerni u ma jinstabux fil-process. U ghalkemm is-sentenza hija prova sufficjenti li l-ammont huwa fil-fatt dovut (peress li fiha gie deciz a favur tal-atturi u l-ammont gie ddikjarat privileggjat taht l-art. 50 (g) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili), dawn id-dokumenti huma mportanti anke ghall-finijiet tal-konkors odjern kif jigi spjegat iktar 'l quddiem.

Ikkonkorrew ukoll f'dawn il-proceduri l-kuraturi l-Avukat Dottor Marco Griscti u l-Prokuratur Legali Joseph Martinelli; li ressqu l-libell taghhom fit-13 ta' Ottubru, 1993.

L-ammont dovut lilhom huwa ta' Lm448.732,2 li jikkonsisti fi spejjez dovuti lilhom ghas-servizzi taghhom bhala kuraturi tal-bastiment Neptunian li svolgew f'zewg kawzi decizi mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Settembru 1992 (Citaz. Nru. 988/92 AM) u fit-22 ta' Frar 1993 (Citaz. Nru. 1156/92 JF).

Bhala prova ta' tali ammont il-libellanti pprezentaw zewg taxxi mahrugin mir-Registru tal-Qrati Superjuri, wahda

ghall-ammont ta' Lm326.18,3 u ohra ta' Lm122.54,9. Kopji ta' dawn gew annessi mal-libell taghhom.

Issa ghar-rigward tan-natura ta' dan il-kreditu, fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandux jitqies bhala privileggjat. Ghalkemm il-libellanti qeghdin isostnu li huwa privileggjat taht l-art. 50 (a) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni billi s-subartikolu citat jitkellem dwar drittijiet gudizzjarji ohra.

Fil-fatt dan is-subinciz johloq privilegg fir-rigward ta' `*spejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jgib.'* Issa z-zewg decizjonjiet fuq imsemmija ma kienux jirrigwardaw la l-bejgh tal-bastiment u lanqas il-qsim tal-prezz li jgib izda gew istitwiti mill-Kaptan tan-Neptunian Javed Mukhtar biex jigi kkonfermat kreditur tal-istess bastiment ghas-salarji li kienu ghadhom iridu jigu mhallsa lilu. Ghalhekk fuq il-principju tal-interpretazzjoni stretta tal-privilegg marittimu, il-Qorti ma tistax tqis dan il-kreditu bhala privileggjat taht l-art.50 (a) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Tressaq ukoll libell mid-ditta Salvo Grima & Sons Limited u dana fl-4 ta' Novembru, 1993. L-ammont dovut lil dawn il-libellanti huwa ta' Lm15,583.69, valur ta' *provisions*, liema ammont, flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali, gie kkanonizzat minn decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tas-7 ta' Settembru 1992 (Citaz. Nru 1161/92 JDC). F'din is-sentenza, dan l-ammont ma giex dikjarat privileggjat. Lanqas ma ngiebu provi biex juru n-natura tal-*provisions* li gew maghmula. Madankollu fil-libell ipprezentat is-socjeta' kreditrici qeghda issostni li l-kreditu taghha huwa privileggjat minghajr ma tghid a bazi ta' liema artiklu tal-ligi u ssostni li ghandu jigi pregradwat.

Mac-citazzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jidher li gew annessi '*kopji ta' statements u invoices tas-socjeta' attrici mmarkati dokumenti A-U,'* izda dawn ma jinstabux fil-process odjern. Fuq il-principju li l-privileggi marittimi ghandhom jigu interpretati b'mod strett, il-Qorti ma tistax, minghajr ma ghall-inqass tkun taf in-natura tal-ispejjez li

saru, iqishom bhala privileggjati fil-gradwazzjoni tieghu. Ghalhekk, il-Qorti fic-cirkostanzi ma tistax tghodd dan l-ammont bhala privileggjat.

L-ahhar libell gie pprezentat mid-ditta Mid-Med Shipping Limited u dana fl-24 ta' Jannar, 1996, mir-rapprezentant taghha Mohammed Nasim Khan. L-ammont dovut lilhom huwa ta' Lm7,732.78, liema ammont huwa kkanonizzat mis-sentenza moghtija fis-7 ta' Settembru, 1992 mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (Citaz. Nru. 1139/92 JDC), u ddikjarat privileggat taht l-art.50 (g). Din is-sentenza kkonfermat id-dovut ta' Lm7481 + imghaxijiet u spejjez legali. Kopja ta' din is-sentenza giet ipprezentata bhala prova tal-ammont reklamat bhala dovut.

Wara li ezaminat il-pretensjonijiet li ressqu d-diversi partijiet, din il-Qorti issa sejra tghaddi ghall-esercizzju tal-gradwazzjoni. Ghal dan l-iskop, din il-Qorti ser taghmel ampia referenza ghall-gradwazzjoni maghmula mill-abbli perit legali, li mhux biss ma giet ikkritikata minn ebda parti f'dawn il-proceduri, izda wkoll, fil-fehma tal-Qorti, l-ezercizzju mizmum huwa wiehed tajjeb u in konformi mal-ligi.

1. Fl-ewwel kategorija jidhlu l-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jgib. (art. 50(a) u art. 54A (1) Kap 234)

Dana skond l-artikolu 54A tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (1) li jghid illi *`l-krediti specifikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 50 ta' dan l-Att ghandhom fic-cirkostanzi kollha jigradaw fi preferenza ghal kull kreditu.'*

Taht il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 50 jaqghu:

- L-ispejjez ghall-bejgh tal-bastiment, li gew sbursjati mill-ekwipagg tal-vapur;
- L-ispejjez ghall-qsim tal-prezz li gab, li sbursjathom is-socjeta' W.J. Parnis England Ltd., l-agent tal-vapur, rappresentata minn Joseph Bowman;

- L-ispejjez gudizzjarji kollha li eventwalment jistghu jigu sbursjati ghall-proceduri attwali tal-konkors tal-kredituri.

2. Fit-tieni kategorija, skond l-istess artikolu 54A (1) jidhlu *Id-drittijiet u spejjez ohra dovuti taht l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili lir-Registratur ta' bastimenti Maltin.* (art. 50 (b) u art. 54 A (1) tal-Kap 234)

Is-socjeta' W.J. Parnis England qeghda ssostni li ghamlet sbursament kif gej:

- *Derating certificate* li thallas lir-registratur tal-bastimenti – Lm20

Ghall-hlas lura ta' dan l-isburzament l-agent jigi ssurogat fid-drittijiet tar-registratur, u jiggradwa fit-tieni post.

3. Fit-tielet kategorija, skond l-art 54 A (2) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jidhol kull kreditu privileggjat specifikat fil-paragrafi (c) sa (j) tal-artikolu 50 tal-istess Att basta li tali kreditu jkun inholoq qabel il-kreditu tal-kreditur li jkun igawdi l-plegg possessorju.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 54 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jghid hekk:

*54. (1) Kull min isewwi, jibni l-bastiment jew kull kreditur iehor li taht il-harsien u l-awtorita' tieghu jkun tqieghed il-bastiment ghall-ezekuzzjoni ta' xogholijiet jew ghanijiet ohra ghandu jkollu plegg possessorju fuq il-bastiment.*

Skond l-art. 54A (2) kull kreditu garantit minn tali plegg possessorju `*ghandu jithallas fi preferenza ghall-**krediti l-ohra kollha hlief il-krediti specifikati fil-paragrafi (c), (d), (e), (f), (g), (h), (i), u (j) ta' l-artikolu 50 ta' dan l-Att jekk dawk il-krediti jkunu nholqu qabel il-kreditu tal-kreditur li jkun igawdi l-plegg possessorju.'*** Huma ghalhekk il-krediti specifikati f'dawn il-paragrafi, u li nholqu qabel il-kreditu tal-kreditur, li jgawdu l-plegg possessorju

(f'dan il-kaz il-korporazzjoni Malta Drydocks) li jidhlu f'din il-kategorija.

Gia inghad li mid-dicitura tal-art.54(1) jigi dedott illi l-plegg possessorju jinholoq fil-mument meta l-bastiment jigi f'idejn dak li ghandu jsewwieh/jibnieh jew jidhol taht il-harsien jew l-awtorita' ta' tali kreditur ghall-esekuzzjoni ta' xogholijiet jew ghanijiet ohra. L-istess japplika taht il-ligi ingliza in materja li fuqha hi bbazata dik maltija. Fil-fatt l-awtur D.G. Jackson, fil-ktieb "Enforcement of Maritime Claims", (1985 Ed. p.262) jghid illi:

*"The lien will normally fasten on the chattel at the time when the claim arises. So a lien dependent on work done will generally not arise until that work is done. However, it has been held that for priority purposes a [possessory] lien in favour of a ship repairer arises at the moment the ship goes to the yard."*

Id-data meta dan sehh fil-kaz odjern hi **s-26 ta' Novembru 1991.** Irid allura jigi ezaminat jekk il-krediti li ghab-bazi tal-artikli 54A(2) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jistghu jigu ggradwati qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju nholqux qabel jew wara din id-data. Dawn se jigu ezaminati wiehed wiehed u d-data relattiva ghal kull wiehed minnhom ser tigi kjarament indikata.

Ta' min jinnota illi skond l-artikolu 54A (1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-privileggi marittimi li jinsabu fid-diversi subincizi tal-artikolu 50 tal-istess Att `*ghandhom ikunu gradwati fl-ordni murija fih….'* Ghalhekk, il-priorita' ghall-hlas ta' kull kreditu li jgawdi privilegg marittimu taht xi paragrafu ta' l-imsemmi artikolu 50, tigi determinata skond il-posizzjoni li fiha jinsab il-paragrafu relattiv, fl-elenku moghti mill-istess artikolu.

Ghal skopijiet ta' kjarezza jigi rilevat illi hemm diversi krediti li jaqghu taht il-paragrafi (c) sa (j) tal-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili pero' ftit biss minnhom

huma antecedenti ghall-kreditu tal-Malta Drydocks li hu kopert mill-plegg possessorju. Ghall-ragunijiet ta’ ordni, il-Qorti sejra tikkonsidra l-krediti kollha li jaqghu taht il-paragrafi (c) sa (j) tal-artikolu 50 f’dan l-istadju, u f’kull kaz ser tindika il-krediti partikolari koperti mill-istess paragrafi (c) sa (j) li jirrizultaw bhala originanti qabel is-26 ta’ Novembru, 1991, u li ghalhekk iridu jigu ggradwati qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju, billi temfasizzahom bil-**bold** font.

**Art. 50(c) Drittijiet ta’ tunnellagg.**

Dawn jinkludu *harbour dues, laid-up dues* u kull ammont dovut li huwa kalkolabbli a bazi ta’ *tonnage.*

1. *Laid-up dues*

L-ammonti segwenti huma dovuti lis-socjeta’ W.J. Parnis England Ltd. rappresentata minn Joseph Bowman:

| DOVUTI GHALL-PERJODU | AMMONT |
|---|---|
| 21.02.1992 sa 14.02.1992 | Lm1350.00 |
| 15.05.1992 sa 28.05.1992 | Lm 225.00 |
| 29.05.1992 sa 04.06.1992 | Lm 112.50 |
| 05.06.1992 sa 25.06.1992 | Lm 337.50 |
| 26.06.1992 sa 09.07.1992 | Lm 225.00 |
| 10.07.1992 sa 23.07.1992 | Lm 225.00 |
| 24.07.1992 sa 06.08.1992 | Lm 225.00 |
| 07.08.1992 sa 20.08.1992 | Lm 225.00 |
| 21.08.1992 sa 03.09.1992 | Lm 225.00 |
| 04.09.1992 sa 10.09.1992 | Lm 112.50 |

2. *Harbour Dues*

Skond l-ewwel *schedule* tar-regoli dwar id-drittijiet tal-port (LN 30/1997 kif emendata) il-*port dues*, jew *harbour dues*

ukoll jithallsu a bazi ta' "*tonnage*". L-agent qed jallega li ghandu jiehu ammont ta' Lm780.00 ghal *harbour dues* (ara nota ta' Joseph Bowman *statement* tat-12.08.1992). Isemmi wkoll fl-*istatement* tal-15.09.1992 ammont iehor ta' Lm225.00 u jirreferi ghal Dok. J 71 bhala evidenza ta' dan id-dejn. Madankollu dan id-dokument huwa *invoice* ghall-*laid-up dues* u ma jirreferix ghal *harbour dues* kif qieghed jallega l-agent. Ma ngiebitx la rcievuta u lanqas invoice bhala evidenza tal-ammont allegat ta' LM780.00; pero', ghall-gbir ta' dan l-ammont l-agent ghandu sentenza tal-Qorti tal-kummerc tal-20 ta' April 1994;

Madankollu ma ngiebitx kopja ta' *invoice* jew ircevuta ghal dan l-ammont li minnha tista' tigi verifikata d-data li fiha nholoq dan id-dejn. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tiggradwa dan l-ammont qabel il-plegg possessorju tal-Malta drydocks.

**Art.50(d) is-salarji, l-ispejjez ghall-assistenza, irkupru jew salvatagg u d-drittijiet ta' bdoti.**

L-agent qed jallega li l-ammont ta' Lm360.01 hu dovut lilhom bhala *Harbour Pilotage.* Ricevuti ngiebu ghas-segwenti ammonti:

| DATA | AMMONT DOVUT |
|---|---|
| | |
| 26.11.1991 | Lm140.94 |
| 19.02.1992 | Lm 54.10 |
| 22.05.1992 | Lm132.63 |
| 21.07.1992 | Lm 25.84 |
| 31.08.1992 | Lm 25.84 |

Dawn b'kollox jammontaw ghal izjed mis-somma allegata li hi dovuta (flimkien jaghmlu LM379.35).

**Art.50 (e) Il-hlas ta' gwardjani u l-ispejjez ta' ghassa tal-bastiment minn x'hin jidhol fil-port sal-bejgh.**

L-agent ipprezenta provi tas-segwenti:

A. Statement tal-agent tat-12.08.1992

Item 4. (Watchman)

| PROVA | DOVUT GHALL-PERJODU | AMMONT |
|---|---|---|
| Dok.JB131 | 27.11.1991 sal-11.12.1991 | Lm360.00 |

B. Statement tal-agent tas-16.02.1992

Item 2. (Escort and Duties)

| PROVA | DATA META D-DEJN INHOLOQ | AMMONT |
|---|---|---|
| Dok. J63 | 09.11.1991 | **Lm14** |
| Dok. J 64 | 10.11.1991 | **Lm 8** |

F'dawn iz-zewg kazijiet id-data tal-invoice hija 15.11.1991.

**Art. 50 (f) il-kera ta' l-imhazen fejn jigu merfughin l-armar u l-ghodda tal-bastiment.**

Ma gie allegat l-ebda dejn taht dan il-paragrafu tal-ligi.

**Art. 50 (g) l-ispejjez maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u ta' l-apparat tieghu maghduda spejjez ta' provisti u provizjonijiet ghall-ekwipagg tieghu maghmula wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port.**

Taht dan is-subartikolu gew allegati hafna spejjez. Din il-Qorti gia ezaminat in-natura ta' dawn l-ispejjez aktar 'l fuq f'din is-sentenza.

(1) Il-pretensjoni tal-agent W.J. Parnis England Ltd., giet ezaminata fid-dettal fil-parti antecedenti ta' din is-sentenza u jirrizulta li l-ammont lilha dovut taht dan is-subartikolu u f'din il-kategorija jammonta ghal Lm4118.80.

(2) Is-socjeta' Mid-Med Shipping Ltd. giet ikkanonizzata kreditrici privileggjata taht l-Art. 50 (g) ghall-ammont ta' Lm7481, piu' Lm251.78 ghall-ispejjez gudizzjarji, u dan b'decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tas-7 ta' Settembru, 1992, fl-ismijiet "Mustafa' Behzat Esinday nomine vs Kaptan Javed Mukhtar nomine". Madankollu, l-ebda prova ma ngiebet tad-data li fiha dan id-dejn inholoq.

(3) Il-General Workers Union giet iddikjarata kreditur ghall-ammont ta' Lm1462.33,4, pero', ghal darba' ohra, l-ebda prova ma ngiebet tad-dati li fihom tali spejjez nholqu.

(4) Kif gia' gie spjegat aktar qabel, certi krediti dovuti lill-Korporazzjoni Malta Drydocks li nholqu wara l-20 ta' Jannar, 1992, ghandhom jitqiesu privileggjati taht dan il-paragrafu tal-ligi. Dawn gew deskritti qabel, u l-ammont dovut fi flus dollari amerikani jammontaw ghal US$ 37,202.

**Art. 50 (h) Is-salarji tal-kaptan u tal-ekwipagg impjegat, ghal perjodu ta' tliet xhur qabel l-ahhar**

**vjagg ghal tul l-ahhar vjagg u ghall-perjodu ta’ wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port.**

Il-kwistjoni tas-salarji tal-kaptan u l-ekwipagg giet ukoll mistharrga minn din il-qorti f’parti antecedenti ta’ din is-sentenza. L-ammont ta’ salarju li hu privileggjat taht dan l-artikolu, u li jiggradwa qabel il-kreditu kopert mill-plegg possessorju huma murija pprintjati bl-aktar oskur (**in bold**) fil-lista tal-kaptan u tal-ekwipagg kif murija aktar qabel.

**Art. 50 (i) Danni u imghaxijiet dovuti lil xi bahri ghal mewt jew korriment tal-persuna u spejjez li jsiru f’konnessjoni mal-marda, weggha jew korriment ta’ xi bahri.**

Wiehed ma jistax ma jinnotax is-sens ampju tal-kliem uzat f’dan il-kuntest, u cioe’ `marda’ `weggha’ jew `korriment’. L-agent ressaq diversi ricevuti ghal *medical expenses* li jirreferu esplicitament ghall-membri tal-ekwipagg tan-*Neptunian* u li jkopru attivitajiet medici vari bhal *surgery, orthodontics, radiological consultations* u anke *tests* tal-ghajnejn, kif ukoll il-prezz ta’ diversi medicini li nxtraw. Fil-fehma tal-Qorti dawn kollha ghandhom jitqiesu bhala koperti mill-privilegg li jinsab fl-art.50(i) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. L-ammont dovut lil W.J. Parnis England Ltd, taht dan il-paragrafu, huwa ta’ Lm1825.36.

**Art.50 (j) Il-flus li jkollhom jiehdu kredituri ghal xogholijiet, xoghol ta’ haddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu: izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment, jew il-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid.**

Ma sar ebda libell ibbazat fuq dan il-paragrafu tal-ligi fil-kawza odjerna.

Kwindi, f'din it-tielet kategorija ta' gradwazzjoni jidhlu biss is-segwenti krediti:

- taht l-artikolu 50(e) Lm22 lis-socjeta' kreditrici W.J. Parnis England Ltd

- taht l-artikolu 50 (g) Lm4118.80 lis-socjeta' kreditrici W.J. Parnis England Ltd

- Is-segwenti ammonti li ghandhom jithallsu lid-diversi membri tal-ekwipagg taht l-artikolu 50 (h):

| ISEM | DOVUT US$ |
|---|---|
| | |
| Capt. Javed Mukhtar | 1871.33+interessi |
| Syed M. Tahir Shah | 1552.35+interessi |
| Mohd. Shamim Arif | 3013.02+interessi |
| Mohd. Javed Ali Usmani | 2537.16+interessi |
| Niranjan Jadav | 4310.19+interessi |
| Tasleem Ahmed | 244.23+interessi |
| Irtiza A.K.R. Sherwani | 6877.50+interessi |
| Altaf Ahmed Sidiqi | 3974.35+interessi |
| Mahmood A.Khan | 927.28+interessi |
| Muhammad Basheer | 985.89+interessi |
| Abdul Azim | 381.19+interessi |
| Hussain | 225.03+interessi |
| Ghulam Bahadur | 322.90+interessi |
| Khalid Hussain | 364.90+interessi |
| Badshah Gul | 249.53+interessi |
| Siraj Ahmed | 257.89+interessi |
| Mushtaq | 265.95+interessi |
| Hazrat Bilal | 265.73+interessi |
| Abdul Qajum | 263.65+interessi |
| Miandad | 268.40+interessi |
| Vadakka K. Narayanan | 1921.78+interessi |
| Mohammed Aslam | 277.36+interessi |

| | |
|---|---|
| Nadeem Ahmed | 295.89+interessi |
| Boota | 307.22+interessi |
| Capt. Behzat Esinduy | 644.60+interessi |

Il-krediti l-ohra li ssemmew iktar ‘l fuq u li ma kienux emfassizzati bil-**bold** font jiggradwaw taht il-hames kategorija.

4. Fir-raba’ kategorija jidhol kull kreditu garantit bi plegg jew privilegg possessorju fuq bastiment kif jinghad fl-art.54 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Kif gia inghad, wara l-krediti li jaqghu taht l-artikolu 50 (c) sa (j) li gew fis-sehh qabel is-26 ta’ Novembru 1991, jiggradwa l-kreditu tal-Malta Drydocks li hu garantit bi plegg possessorju, kif inhu evidenti mill-art.54 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Dawn, kif gia inghad, jinkludu l-ispejjez li saru qabel l-20 ta’ Jannar, 1992, li jammontaw ghal US$ 750,358.

5.Fil-hames kategorija jidhlu l-krediti kollha li jaqghu taht il-paragrafi (c) sa (j) (f’dik l-ordni) tal-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili li ssemmew taht is-*sub-heading* 4.3 u li ma gewx gradwati qabel id-dovut lil Malta Drydocks minhabba d-data li fiha nholqu.

Dawn il-krediti jgibu s-segwenti ammonti li jirrankjaw wara xulxin kif gej:

- taht l-artikolu 50(c) LM4,042.50 lis-socjeta’ W.J. Parnis England Ltd.

- taht l-artikolu 50 (d) Lm379.35 lis-socjeta’ W.J.Parnis England Ltd.

- taht l-artikolu 50 (e) Lm360 lis-socjeta' W.J. Parnis England Ltd

- taht l-artikolu 50 (g) (pari passu):

Lm8,554.18 lis-socjeta' W.J.Parnis England Ltd.
Lm7,732.78 lis-socjeta' Mid-Med Shipping Ltd.
Lm1,462.33,4 lil General Workers Union
US$37,202 lill-Korporazzjoni Malta Drydocks

- taht l-artikolu 50 (h) l-ammonti bilancjali dovuti lill-ekwipagg u lill-kaptan wara li jigu mnaqqsa l-ammonti ga mhallsa taht il-kategorija 3.

- Taht l-artikolu 50 (i) Lm1,825.36 lis-socjeta' W.J.Parnis England Ltd.

6.<u>Fis-sitt kategorija jidhlu d-drittijiet ta' agenzija tal-bastiment dovuti ghall-bastiment wara l-ahhar dhul tieghu fil-port, skond tariffi tal-port, u kull infieq maghmul matul dak il-perjodu li ma jgawdix privileggi li jaghtu lok ghall-gradwazzjoni tieghu f'livell oghla, ghalkemm f'kull kaz ghal somma totali ta' mhux izjed minn erbat elef lira.</u> (art. 50 (k) tal-Kap 234)

Hawnhekk jidhlu d-drittijiet tal-agent ghall-*fees* dovuti lilhom li huma s-segwenti:

<u>*Statement* tal-agent tat-12.08.1992:</u>

<u>Item 5.</u> (fees)

Ammont dovut Lm13,130.00
Ammont privileggat Lm 4,000.00

l-agent ma gieb ebda prova li dawn id-dovuti nholqu wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port, pero', d-dejn allegat huwa kkanonizzat minn decizjoni tal-Qorti u m'huwiex ikkontestat.

7. Fis-seba’ kategorija jigu ggradwati d-djun kollha li ma jgawdu minn ebda privilegg u cioe’:

(A) L-*agency fees,* minbarra Lm4,000 li jammontaw ghal Lm9,130 dovuti lis-socjeta’ W.J. Parnis England;

(B) Is-somma ta’ Lm7,435.49 dovuta wkoll lis-socjeta’ W.J. Parnis England li jirrapprezentaw, kif inghad, krediti mhux privileggjati;

(C) Il-krediti mhux privileggjati tal-Malta Drydocks li nholqu wara l-20 ta’ Jannar, 1992, u li jammontaw ghal US$ 104,813;

(D) L-ammont dovut lil Avukat Dottor Marco Griscti u l-Prokuratur Legali Joseph Martinelli li jammonta ghal Lm448.74,2;

(E) Il-kreditu favur Salvo Grima & Sons li jammonta ghal Lm15,538.69.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeciedi dan il-kawza billi tiddeciedi li fuq l-ammont depositat ta’ Lm343,803, id-diversi libellanti ghandhom jiggradwaw kif gej:

**L-ewwel Grad:**

(A) L-ammont dovut lill-ekwipagg ghall-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-bastiment skond taxxi ufficjali;

(B) L-ammont dovut lill-kreditur ezekutant ghall-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-qsim tal-prezz migjub mill-bastiment, cioe’ il-proceduri odjerni;

**It-tieni Grad:**

L-ispejjez dovuti lis-socjeta' W.J. Parnis England Ltd in surrogazzjoni tar-Registratur tal-Bastimenti Maltin kif gie spjegat – Lm20

**It-tielet Grad:**

L-ammonti dovuti lis-socjeta' W.J. Parnis England Ltd li jippregradwaw il-kreditu kopert mill-plegg possessorju, peress li jaqghu taht l-artikolu 50 (e) (g) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u nholqu qabel l-istess kreditu – Lm4141, *piu'* interessi.

**Ir-raba' Grad:**

L-ammonti dovuti lill-kaptan u lill-ekwipagg li jippregradwaw il-plegg possessorju li, fi flus maltin jammontaw ghal:

| ISEM | DOVUT (LM) |
|---|---|
| | |
| Capt. Javed Mukhtar | 735 + interessi |
| Syed M.Tahir Shah | 610 + interessi |
| Mohd. Shamim Arif | 1183 + interessi |
| Mohd. Javed Ali Usmani | 997 + interessi |
| Niranjan Jadav | 1693 + interessi |
| Tasleem Ahmed | 96 + interessi |
| Irtiza A.K.R. Sherwani | 2702 + interessi |
| Altaf Ahmed Sidiqi | 1561 + interessi |
| Mahmood A. Khan | 364 + interessi |
| Muhammad Basheer | 387 + interessi |
| Abdul Azim | 150 + interessi |
| Hussain | 88 + interessi |
| Ghulam Bahadur | 127 + interessi |
| Khalid Hussain | 143 + interessi |
| Badshah Gul | 98 + interessi |
| Siraj Ahmed | 101 + interessi |

| | |
|---|---|
| Mushtaq | 104 + interessi |
| Hazrat Bilal | 104 + interessi |
| Abdul Qajum | 103 + interessi |
| Miandad | 105 + interessi |
| Vadakka K. Narayanan | 755 + interessi |
| Mohammad Aslam | 109 + interessi |
| Nadeem Ahmed | 116 + interessi |
| Boota | 121 + interessi |
| Capt. Behzat Esinduy | 253 + interessi |

**Il-hames Grad:**

L-ammonti koperti mill-plegg possessorju dovuti lill-Korporazzjoni Malta Drydocks, li jlahhaqu s-somma ta' Lm294,767.

**Is-sitt Grad:**

L-ammont ulterjuri dovut lis-socjeta' W.J. Parnis England Ltd taht l-artikolu 50 (c) sa (e) tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili – Lm4,782, piu l-interessi.

**Is-seba' Grad:**

Jidhlu pari passu l-ammont koperti mill-artikolu 50 (g) tal-att dwar il-Bastimenti Merkantili li nholqu f'data wara li gie fis-sehh il-plegg possessorju, u cioe',

Lm14,614 lill-Korporazzjoni Malta Drydocks;
Lm 8,554 lis-socjeta' W.J. Parnis England Ltd;
Lm 1,462 lil General Workers Union;
Lm 7,732 lil Mid-Med Shipping Ltd.

**It-tminn Grad:**

L-ammont bilancjali dovuti lill-Kaptan u lill-ekwipagg tal-bastiment taht l-artikolu 50 (h) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. L-ammonti dovuti taht dan il-grad huma kif gej:

| ISEM | DOVUT (LM) |
|---|---|
| | |
| Capt. Javed Mukhtar | 147 + interessi |
| Syed M.Tahir Shah | 121 + interessi |
| Mohd. Shamim Arif | 219 + interessi |
| Mohd. Javed Ali Usmani | 67 + interessi |
| Niranjan Jadav | 121 + interessi |
| Tasleem Ahmed | 49+ interessi |
| Irtiza A.K.R. Sherwani | 170 + interessi |
| Altaf Ahmed Sidiqi | 92 + interessi |
| Mahmood A. Khan | 73 + interessi |
| Muhammad Basheer | 77 + interessi |
| Abdul Azim | 30 + interessi |
| Hussain | 18 + interessi |
| Ghulam Bahadur | 25 + interessi |
| Khalid Hussain | 29 + interessi |
| Badshah Gul | 20 + interessi |
| Siraj Ahmed | 20 + interessi |
| Mushtaq | 21 + interessi |
| Hazrat Bilal | 21 + interessi |
| Abdul Qajum | 21 + interessi |
| Miandad | 21 + interessi |
| Vadakka K. Narayanan | 74 + interessi |
| Mohammad Aslam | 22 + interessi |
| Nadeem Ahmed | 23 + interessi |
| Boota | 24 + interessi |
| Capt. Behzat Esinduy | 211 + interessi |

**<u>Fid-disa' Grad:</u>**

L-ammonti dovuti lill-agent tal-vapur, is-socjeta' W.J. Parnis England Ltd, taht l-art.50 (i) u (k) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili – Lm5825, piu' interessi.

**Fl-ghaxar Grad:**

Jidhlu pari passu dawk il-krediti kollha li ma jgawdu minn ebda privilegg, u cioe', li huma krediti kirografarji. Dawn huma:

Lm41,174 piu' interessi lill-Korporazzjoni Malta Drydocks;

Lm15,539 piu' interessi lis-socjeta' Salvo Grima & Sons Ltd.;

Lm449 piu' interessi lill-Avukat Marco Griscti u l-Prokuratur Legali Joseph Matinelli;

Lm20,018 piu' interessi lil W.J. Parnis England Ltd.

L-interessi ghandhom jinhadmu bit-8% u jigu kkalkulati, f'kull kaz, mill-20 ta' Jannar, 1992.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta' rikorrenti li, kif inghad, ghandhom kollha jippregradwaw fl-ewwel grad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------